

Brussell, 31 ta' Mejju 2017
(OR. en)

9833/17

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0287 (COD)

JUSTCIV 131
CONSOM 239
DIGIT 152
AUDIO 81
DAPIX 217
DATAPROTECT 110
CULT 81
CODEC 946

NOTA

minn:	id-Delegazzjoni Ċeka
lil:	Coreper/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9641/17 + ADD 1
Nru dok. Cion:	15251/15
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali (L-ewwel qari) - Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Ċeka li għandha tiġi inkluża fil-minuti tal-Coreper/Kunsill

Ir-Repubblika Ċeka tilqa' b'sodisfazzjon u tappoġġa l-oġettiv ta' din id-Direttiva li tikkontribwixxi għal tkabbir aktar rapidu tas-Suq Uniku Diġitali, kemm għall-benefiċċju tal-konsumaturi kif ukoll tan-negozji. Nemmnju wkoll li b'approċċ immirat ta' armonizzazzjoni sħiħa nistgħu neliminaw l-ostakli ewlenin relatati mal-liġi kuntrattwali għall-provvista transfruntiera tal-kontenut diġitali. Ir-Repubblika Ċeka pparteċipat b'mod attiv u kostruttiv fin-negozjati dwar il-proposta u bi pjaċir ninnutaw li xi wħud mill-problemi ġew riżolti biex jintlaħaq kompromess ibbilanċjat.

Madankollu, aħna tal-fehma li ċerti elementi ewlenin tal-proposta mhumix ċari u jwasslu biss għal inċertezza legali. Barra minn hekk, jekk naċċettaw dawn id-dispożizzjonijiet inkunu qegħdin inbaxxu l-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur iggarantit mil-liġi nazzjonali. B'mod partikolari, nesprimu l-fatt li ninsabu diżappuntati bl-interpretazzjoni ambigwa tad-definizzjoni ta' "kontenut diġitali integrat" (Artikolu 2(12)) peress li mhuwix ċar liema regoli jenħtieġ li japplikaw għal kontenut diġitali partikolari. Jiddispjaċina wkoll li l-formulazzjoni tal-Artikolu 5 nbidlet fl-aħħar stadju ta' negozjar u t-test sar inqas effettiv.

Barra minn hekk, ir-Repubblika Ċeka mhijiex sodisfatta dwar il-fatt li l-prinċipju ta' armonizzazzjoni sħiħa, li aħna ilna nappoġġaw fit-tul, ma setax jinżamm fl-Artikolu 9a. Madankollu, biex jagħmel tajjeb għall-armonizzazzjoni minima fl-Artikolu 9a, konna tal-fehma li tal-inqas l-iskadenza għall-inverżjoni tal-oneru tal-provi għandha tkun ta' sentejn, jiġifieri l-istess skadenza bħal dik għar-responsabbiltà tal-fornitur f'każ ta' nuqqas ta' konformità.

Fl-aħħar nett, peress li konna qed nitolbu li jinżamm il-livell ta' protezzjoni tal-konsumaturi Ċeki, jiddispjaċina li ma ġietx aċċettata l-proposta tagħna għall-premessa rigward l-Artikolu 12(2) li kienet maħsuba biex tiġi żgurata ċertezza legali għall-konsumatur meta jiġi stabbilit il-"perijodu ta' żmien raġonevoli" - li tant hu problematiku għalina - biex il-fornitur jiżgura l-konformità tal-kontenut u s-servizz diġitali.
